



0106/2016

3.10.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-prevenzjoni tal-użu taċ-ċomb

Monika Flašíková Beňová (S&D), Tibor Szanyi (S&D), Davor Škrlec (Verts/ALE), Nessa Childers (S&D), Ivan Jakovčić (ALDE), József Nagy (PPE), Zigmantas Balčytis (S&D), Biljana Borzan (S&D), Karin Kadenbach (S&D), Nikos Androulakis (S&D), Tomáš Zdechovský (PPE), Jan Keller (S&D), Kateřina Konečná (GUE/NGL), Jiří Maštálka (GUE/NGL), Jo Leinen (S&D), Michèle Rivasi (Verts/ALE), Bogusław Liberadzki (S&D), Sergei Stanishev (S&D), Stanislav Polčák (PPE), Margrete Auken (Verts/ALE), Marc Tarabella (S&D)

Data ta' skadenza: 3.1.2017

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
dwar il-prevenzjoni tal-użu taċ-ċomb¹**

1. L-ekoloġizzazzjoni kontinwa tal-industrija awtomobilistika hija meħtieġa għall-ilħuq tal-miri ambjentali eżistenti fi ħdan l-UE.
2. Bi tweġiba għall-aħħar skandli rigward it-testijiet iffalsifikati tal-emissjonijiet, l-isforzi ewlenin kienu ffukati biss fuq proposti li jiżguraw biss l-effikaċja ta' sistemi ta' kontroll tas-sustanzi li jniġġsu.
3. Il-politiki tal-UE dwar il-protezzjoni ambjentali u s-saħħha jeħtieġ li jindirizzaw ir-regolamentazzjoni tal-industrija awtomobilistika b'mod komprensiv, b'tali mod li jevitaw is-soluzzjonijiet attwali li huma dgħajfa wisq u parżjali.
4. Jeħtieġ isiru aktar sforzi immirati biex jiġi inkoraġġut it-tnejjes tal-użu ta' metalli tqal, speċjalment iċ-ċomb, fkomponenti tal-magni individwali. Minbarra l-potenzjal għoli ta' riskju għall-ambjent, iċ-ċomb għandu effetti devastanti fuq is-saħħha tal-bniedem, inkluż il-kanċer u l-ħsara irriversibbli lill-organi.
5. Il-Kummissjoni hija għalhekk mistiedna ttejjeb il-monitoraġġ tad-derogi eżistenti għall-użu taċ-ċomb fl-industrija tal-karozzi u biex tikkunsidra tqassar il-perjodu ta' rieżami biex tinvestiga l-adegwatezza ta' teknoloġiji alternattivi eżistenti b'sena. Dan se jgħin biex jintlaħqu l-objettivi tat-Tielet Programm ta' Saħħa, u jappoġġja l-Istrateġija Ewropa 2020 b'mod ġenerali.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.